Maltese Literature Group Inc.
Grupp Letteratura Maltija Ink.
Incorporation No. A8686H
*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*
**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

# FOLJU T'AĦBARIJIET
## Numru 239 :: APRIL, 2016

**Editur: Paul Vella**
paul.vella44@gmail.com

## F'APRIL MHUX SE JKOLLNA LAQGĦA MINĦABBA LI L-AĦĦAR ĦADD TAX-XAHAR SE JKOLLNA L-BBQ

## MIŻATA TA' SĦUBIJA

Il-miżata ta' sħubija issa qed titħallas fl-1 ta' Jannar ta' kull sena minn kulħadd. Dan ifisser li l-miżata issa titħallas minn Jannar sa Diċembru. Dawk li għadhom ma ħallsuhiex huma mitluba jagħmlu dan fil-laqgħa li tmiss u jaraw lil Ray Anastasi. Grazzi. Il-miżata għadha $10 kull familja. Grazzi lil dawk li ħallsu l-miżata fl-aħħar laqgħa tagħna. Għad hemm min għadu ma ħallasx tas-sena l-oħra. Ħudu ħsieb.

## F'APRIL NILTAQGĦU GĦAND FRANK U DRAGA BONETT NHAR IL-ĦADD, 24 T'APRIL




***Niskużaw ruħna li l-BBQ f'Marzu kellu jitħassar minħabba ċirkustanzi li ma kellniex kontroll fuqhom.*** Qed nippjanaw li l-barbecue se jinżamm fir-raba' Ħadd t'April, jiġifieri l-**Ħadd, 24 t'April.** Bħas-soltu niltaqgħu għand Frank u Draga Bonett, fuq il-propjeta` tagħhom, 125 Blackwells Lane, Bulla. Bħalma jagħmlu kull sena, Frank u Draga jkunu tant ġentili li jilqgħuna għand-hom biex inqattgħu nofstanhar flimkien. Nispera li l-membri kollha jiġu biex ikollna numru sabiħ. Niltaqgħu għal xi l-11.30 am. Ikollna barbecue fejn il-Grupp jieħu ħsieb ta' kollox: laħam, salads, inbid, xorb minerali, te u kafe`, eċċ. Ejjew u ħudu pjaċir. Naturalment, ġibu magħkom platti, tazzi, eċċ u xi qari. Hu importanti li dawk li fi ħsiebhom jiġu, iċemplu lil **Salvina Vella fuq 9460-4404 jew Mobile 0409 961 928 sal-Ħamis, 21 t'April.** Dawk li jużaw l-internet ikunu jistgħu jibagħtu email lil Salvina Vella fuq **paul.vella44@gmail.com** biex ikunu jistgħu jsiru l-preparamenti għall-ikel. Għal dawk li forsi din se tkun l-ewwel darba li jiġu għand Frank u Draga, qiegħed nipproduċi mappa biex forsi tkun ta' għajnuna għalikom biex issibu l-post aktar malajr. Nixtieq nieħu din l-opportunita` biex għal darb'oħra nirringrazzja lil Frank u lil Draga li ta' kull sena jilqgħuna għandhom. Napprezzaw ħafna.

## Avventuri mill-Klassi ta' Miss Ambrozja Pulis Kiftaranipenġini - *Audrey Friggieri*

Avventuri mill-klassi ta' Miss Ambrozja Pulis Kiftaranipenġini hija storja ta' erbat itfal fis-sitt sena tal-iskola primarja ta' Ħal Zekzekkel. L-għalliema ġdida tagħhom – Miss Ambrozja Pulis "Kiftaranipengini" hija saħħara, imma dan huwa sigriet. Hija tibgħathom fuq vjaġġi virtwali 'l barra mill-iskola biex iħaddmu rashom u jsolvu problemi fejn huma stess jistgħu jkunu fil-periklu! Però Miss Ambrozja hija speċi ta' anġlu kustodju, għax meta t-tfal jaqtgħu qalbhom fejn ikunu, hija titrasportahom lura fil-klassi mingħajr ma ħadd jiftakar xejn!

F'din l-istorja kull tifel u tifla jispiċċaw waħedhom fuq gżira mitlufa u minsija minn kulħadd. Hemmhekk jiltaqgħu ma' raġel li kien ilu ħafna jipprova jaħrab u qatt ma rnexxielu. L-isfida għal Paskal, Furtu, Larissa u Egon hija kif se jħarrbu lil dan ir-raġel minn fuq din il-gżira.

Jirnexxilhom tgħid? Kif?

*Audrey Friggieri twieldet fit-12 ta' Settembru 1968 u hija l-ikbar fost tlett aħwa. Trabbiet ġo Ħal Luqa, fejn hija wkoll attendiet l-iskola primarja. Ta' ħdax-il sena bdiet titgħallem il-Ġermaniż fl-iskola sekondarja. Aktar tard saret għalliema ta' din il-lingwa.*

*Ta' 12-il sena ppruvat tikteb l-ewwel ktieb tagħha u anke bdiet tikteb xi poeżiji. Studjat l-Ingliż, il-Ġermaniż u l-Franċiż fis-6th form – jew New Lyceum, kif kien magħruf fit-tmeninijiet. Hija ggradwat bħala għalliema mill-Università ta' Malta fl-1991. Fl-2005 hija mbagħad reġgħet iggradwat M.Ed.*

*Audrey hija miżżewġa u għandha żewġt itfal. Taħdem bħala assistenta kap fi skola sekondarja tal-gvern. Avventuri mill-klassi ta' Miss Ambrozja Pulis Kiftaranipenġini huwa l-ewwel pubblikazzjoni tagħha.*

*Il-ktieb ġie ppubblikat minn Merlin Publishers u kien innominat għall-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2013.*

# DIZZJUNARJU DIĠITALI BIL-MALTI *ONLINE*



Il-lingwa Maltija bħal bosta lingwi oħrajn qed titħaddem f'era diġitali.
F'dan l-isfont ilha tinħass il-ħtieġa ta' dizzjunarju uffiċjali bil-Malti *online*, li tnieda ftit ilu wara ħidma intensiva li kienet ilha għaddejja madwar sena u nofs.
Id-dizzjunarju *online* sar b'kollaborazzjoni bejn l-Awtorita` għall-Komunikazzjoni, l-Istitut tal-Lingwistika fl-Universita` ta' Malta, il-Kunsill Nazzjonali għall-Ilsien Malti, u l-Fondazzjoni *Vodafone*.
Iċ-*Chairman* tal-Awtorita` tal-Komunikazzjoni, Dr Edward Woods, qal li waħda mill-prijoritajiet tiegħu meta ħa l-kariga kienet li jgħin biex isir dan id-dizzjunarju *online*. Qal li huwa importanti li dan id-dizzjunarju jinżamm ħaj u aġġornat. Dr Woods wera t-tama li 'l quddiem ikun hemm ukoll il-faċilita` tat-traduzzjoni.
Il-Koordinatur tal-Proġett fl-MCA, Mark Spiteri, qal, "Jinstab *online*, www.maltesedictionary.org.mt. Hemmhekk wieħed jista' jidħol u jfittex liema kelma jrid bil-Malti jew bl-Ingliż u ttih id-definizzjoni lura".
Dr Albert Gatt mill-Istitut tal-Lingwistika fl-Universita` ta' Malta qal li b'dal-proġett issa d-dizzjunarju Malti jinsab f'forma diġitali u b'hekk ser ikun qed jilħaq il-ħtiġijiet ta' dinja li qed issir diġitali.
Huwa qal, "Kien hemm żewġ għanijiet; l-ewwelnett l-għan oriġinali kien għalina bħala riċerkaturi għaliex kellna bżonn ir-riżorsi diġitali għall-Malti, inkluż dizzjunarju lessiku. B'kollaborazzjoni mal-MCA u l-*Vodafone*, il-proġett twessa' għal għan ieħor iktar importanti li nwasslu riżorsa lill-pubbliku inġenerali biex ikollu dizzjunarju li jista' jaċċessah faċilment online permezz ta' *website* jew inkella permezz ta' *app*".
Ir-Rettur tal-Universita', il-Professur Juanito Camilleri, qal li d-dinja qed issir dejjem iktar diġitali, importanti li l-lingwa ikollha l-għodod diġitali. Wera s-sodisfazzjon tiegħu li l-Universita` taħdem ma' entitajiet oħrajn fl-industrija u wera x-xewqa li la jispiċċa mill-kariga ta' Rettur l-Universita` tkompli ssaħħaħ ir-relazzjonijiet tagħha ma' entitajiet oħra.
Jason Pavia mill-Fondazzjoni *Vodafone* qal li wieħed mill-għanijiet tal-fondazzjoni hu li tuża teknoloġija fuq *mobile* biex tgħin lis-soċjeta`. Qal li dan kien proġett li interessa lill-Fondazzjoni *Vodafone* minħabba li se jsaħħaħ il-lingwa Maltija.
***Nixtieq nirringrazzja lil Fiorella Pace u TVM għal dan ir-rapport.***

## THE MISFIT -- *Oliver Friggieri*
## *(traduzzjoni ta' Charles Briffa)*




**Għadu kemm ħareġ ir-rumanz "The Misfit", traduzzjoni ta' Charles Briffa tar-rumanz ċelebri "L-Istramb" ta' Oliver Friggieri.**
Huwa rumanz fuq żagħżugħ li jrid jissara mal-fallimenti tiegħu. Il-ktieb se saritlu tnedija nhar it-Tliet, 5 ta' April 2016, fil-11.00a.m. fuq il-Kampus tal-Università.
Għal dan l-avveniment studenta postgradwatorja, Dorianne Mifsud, mexxiet diskussjoni bejn it-traduttur u l-awtur biex tifrex il-qawwa tal-wieħed u s-sengħa tal-ieħor. Il-pubbliku kien mistieden jieħu sehem fid-diskussjoni.

### *Mill-ħabib tagħna f'Malta...*
### *ENZO GUSMAN*




Victoria
Department of Premier and Cabinet
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP

*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

BOV
**BANK OF VALLETTA p.l.c.**
*Uffiċċju Rappreżentattiv:*
**16 Watt Street, Sunshine 3020**
**Telephone: 9311-3222**

# FETĦU L-APPLIKAZZJONIJIET GĦAD-DIPLOMA FIL-LETTERATURA MALTIJA

Fetħu l-applikazzjonijiet għal diploma ġdida fil-Letteratura Maltija fl-Università ta' Malta li se tibda f'Ottubru li ġej. Dan il-kors part-time ta' filgħaxija, b'żewġ lezzjonijiet fil-ġimgħa ta' tliet sigħat il-waħda, huwa mifrux fuq sentejn. Il-kors jiftaħ darba kull sentejn u qed jitmexxa mid-Dipartiment tal-Malti fil-Fakultà tal-Arti tal-Università ta' Malta. Banif Bank u l-Kunsill Malti għall-Arti qed joffru l-għajnuna finanzjarja tagħhom lill-istudenti li jmorru tajjeb fid-diploma.

Il-lezzjonijiet jibdew f'Ottubru u se jsiru t-Tnejn u l-Erbgħa, mill-5:30 pm sat-8:30 pm.

Id-diploma tiffoka fuq l-analiżi u t-tħaddim tal-letteratura fis-seklu 21 u toffri bosta elementi li huma differenti minn dak li joffri l-Baċellerat tal-Malti. Dawk li huma interessati jistgħu japplikaw billi jidħlu f'din il-paġna tas-sit tal-Università minn issa sa qabel il-21 ta' Lulju li ġej: www.um.edu.mt/apply.

Dawk li jixtiequ jidħlu għal dan il-kors universitarju bil-Malti jeħtieġu grad C jew ogħla fil-livell Avvanzat tal-Malti. Jistgħu japplikaw ukoll dawk li għalqu t-23 sena qabel il-ftuħ tal-kors: il-proċedura fil-każ ta' dawn l-istudenti maturi tkun li ssirilhom intervista mid-Dipartiment tal-Malti.

Din id-diploma qed titnieda fi żmien meta l-letteratura Maltija u l-istudju tagħha qed jaraw qawmien ġdid. Qed isir ħafna xogħol importanti kemm fl-istudju tal-lingwa u l-letteratura Maltija kif ukoll fl-oqsma tal-pubblikazzjoni, il-kitba kreattiva u t-tagħlim tagħha, l-organizzazzjoni ta' avvenimenti letterarji nazzjonali u internazzjonali bis-sehem tal-awturi Maltin, u x-xandir tal-letteratura Maltija permezz ta' mezzi differenti. Din id-diploma għandha l-għan li tħejji lill-istudenti għal dawn ir-realtajiet analitiċi u kreattivi tas-seklu 21, u tiftaħ toroq ġodda għall-arti tal-kelma.

Dan il-kors huwa maħsub għal nies impjegati f'diversi setturi kulturali, artistiċi, u kreattivi relatati mal-preżentazzjoni pubblika ta' xogħlijiet letterarji bil-Malti. Huwa maħsub ukoll għal dawk li għandhom interess jaqbdu l-kitba kreattiva bis-serjetà, u dawk li għandhom sehem attiv fl-addattament tal-letteratura Maltija għal forom artistiċi u dixxiplini oħra. Se jinteressa wkoll lil dawk li sempliċiment għandhom passjoni għal-letteratura u jixtiequ jkabbru l-għarfien tagħhom tal-forom ta' kitba kreattiva bil-Malti, kemm tal-imgħoddi kif ukoll tal-preżent.

Bi ftehim mad-Dipartiment tal-Malti, Banif Bank (Malta) plc se jħallas il-miżata, sa massimu ta' 2000 ewro, tal-kors tal-istudent jew l-istudenta li tiġi l-ewwel fil-kors, waqt li l-Kunsill Malti għall-Arti se jagħti għajnuna finanzjarja għall-aħjar erba' proġetti ta' studenti fit-tieni sena tal-kors.

"Banif Bank jemmen bis-sħiħ fl-importanza tal-edukazzjoni, u fil-promozzjoni tal-kultura u l-wirt ta' Malta." Skont Adrian Coppini, il-Kap Eżekuttiv għas-Servizzi Korporattivi ta' Banif Bank, "m'hemm ebda wirt ikbar mil-lingwa materna tagħna. F'din l-epoka dejjem iżjed globalizzata, nittama li din id-diploma tgħinna biex nixħtu aktar dawl fuq il-Letteratura Maltija – kemm minn perspettiva purament akkademika, kif ukoll fl-applikazzjoni tagħha fil-ħajja kontemporanja."

"L-assoċjazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Arti mal-promozzjoni u t-tagħlim tal-Letteratura Maltija għandha titqies bħala parti essenzjali mir-responsabbiltajiet tal-Kunsill." Skont Albert Marshall, il-Kap Eżekuttiv tal-Kunsill, "it-tkabbir ta' dan l-involviment għandu wkoll jitqies bħala impenn seminali fl-implementazzjoni tal-politika kulturali nazzjonali tagħna."

Id-disinn tal-materjal promozzjonali tad-Diploma sar minn Panda Design u r-ritratti li ntużaw ittieħdu minn Virginia Monteforte.

Fl-applikazzjoni elettronika dawk li jixtiequ jinkitbu għal din id-diploma jridu jniżżlu l-indirizz elettroniku li jaraw regolarment. Dawk li għandhom ċertifikat tal-Malti fil-Livell Avvanzat iridu jindikaw il-grad li kisbu.

Id-deskrizzjoni dettaljata u avviżi oħra fuq il-kors jidhru kemm fuq is-sit tal-Università, www.um.edu.mt/arts/malti/avvizi/diploma-letteratura, kif ukoll fuq Facebook,www.facebook.com/uom.diplittmalt.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb b'ittra elettronika lil malti.arts@um.edu.mt jew b'telefonata lin-numru 2340 3387.

# LUCIANO - *rumanz ta' Lina Brockdorff*




Ninsabu Malta ftit qabel ma bdiet is-sena 1900. F'razzett ġo Wied Babu jgħixu flimkien żewġt aħwa nisa; Susann miżżewġa lil Dwardu li jkollhom tarbija, Bettina; u Mattea li żżewġet qabilha lil Peppin li ma jkollhomx tfal. Id-destin ried li fl-istess inħawi jitwieled Luciano f'ċirkustanzi strambi li jispiċċa f'dirgħajn Mattea biex trabbieh. Min kien sewwa sew dan it-tifel?

Malli jibda jitfarfar isir jaf dwar ommu, imma qatt dwar missieru. Jikber ftit ieħor u tfaqqa' l-Ewwel Gwerra Dinjija li jkollha effett kbir fuq dawn iż-żewġ familji. Aktar minn hekk, ftit wara jibda l-flaġell tal-Influwenza Spanjola, b'mijiet ta' Maltin jisfaw vittmi.

Luciano u Bettina li kienu jaħsbu li huma kuġini, miġbudin sew lejn xulxin. Bettina tilħaq tabiba bir-riskju li tittieħed bil-marda hi wkoll. X'ser jiġri minn dil-koppja ta' maħbubin? Tgħid Luciano jsir jaf xi darba min kien missieru?

## THE CONFECTIONER'S DAUGHTER

*— Rumanz ġdid ta'*
*Lou Drofenik*




Din l-istorja tibda f'raħal Malti u tispiċċa fl-Awstralja. Din hija storja ta' mara Maltija furnara, in-nanna tal-familja li għamlet fortuna mix-xogħol tagħha u tan-neputija li kella seba' mitt sena biex titlaq minn Malta.

Dan huwa rumanz ta' ħajja Maltija f'raħal zgħir fejn ir-relazzjonijiet huma sikwit mimlija b' konflitti li jinfluwenzaw profondament il-ħajja ta' dawk li jgħixu qrib xulxin..

## Tella' ħarstek

Hekk meta sħaba tgħattilek wiċċek
biex tkessaħhulek ħa tiffriżak
u anqas xemx ma ssib issaħħnek
jew anqas riħ biex jixxuttak,
dakinhar tiftaħx l-umbrella
stenna x-xita ħa tnaddfek hi.
Fis tella' ħarstek dritt lejn is-sema
ħa tara 'l Kristu jimsaħlek
demgħa.

***Amanda Busuttil***
***6 ta' Marzu 2016***

## PROGRAMM MUŻIKO-LETTERARJU

Il-Programm Mużiko-Letterarju huwa wieħed mill-iktar avvenimenti importanti fil-kalendarju tal-Grupp tagħna. Din is-sena dan se jinżamm **f'Settembru** fis-Sala taċ-Ċentru Malti ta' Parkville. Nitolbukom li żżommu din id-data biex tkunu tistgħu tattendu. Jekk hemm xi membri li għandhom xi xogħol għall-Programm Mużiko-Letterarju ta' din is-sena tkun ħaġa tajba jekk jibagħtuh lil **Paul Vella, 4 Legh St, Reservoir, Victoria, 3073** biex ikun jista' jibda jaħdem fuqu u mhux kollox jaqa' għall-aħħar ħin. Kif tafu, ix-xogħol irid jiġi ttajpjat, moqri, ikkoreġut, u wara jerġa' jiġi moqri. Dan jieħu ħafna żmien. Wara irid jiġi ppaġnat u jmur għand l-istampatur biex jiġi mitbugħ u jkun għandna għall-Programm Mużiko-Letterarju. L-għajnuna tagħkom tkun apprezzata. Fl-istess ħin, dawk li għandhom aċċess għall-*internet*, ikun aktar faċli jekk jibagħtu x-xogħol tagħhom permezz ta' *email* lili: **paul.vella44@gmail.com** qabel l-aħħar ta' Ġunju.

**XOGĦLIJIET MA JIĠUX AĊĊETTATI WARA L-AĦĦAR TA' ĠUNJU.**

***Tikteb Anna Spiteri minn Malta . . .***

## PATRI DONAT SPITERI, OFM.Cap




Għaziz Paul, L-ewwelnett nixtieq nirringrazzjak talli jogħġbok tibgħatli l-Folju tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria li bħal dejjem ikun tant interessanti.

Peress li matul ħajtu Patri Donat Spiteri OFMCap kien jikteb diversi artikli fir-Rivista Dawl Franġiskan, għamilt il-ħsieb li niġborhom f' kotba biex jibqgħu kemm b'tifkira għall-memorja taz-ziju tiegħi u kif ukoll biex ma jintilfux maż-żminijiet.

Patri Donat Spiteri OFMCap - Studjuż tal-Bibbja - Artikli miġbura minn fuq Dawl Franġiskan - leħen il-Kapuċċini Maltin miġbura f'żewg kotba mis-sena 1982 - 2001 u ieħor mis-sena 2002 - 2014.

http://www.blurb.com/b/6122899-patri-donat-spiteri-ofmcap-studju-tal-bibbja

http://www.blurb.com/b/6883817-patri-donat-spiteri-ofmcap-studju-tal-bibbja

Dawn il-kotba jinsabu fuq il-website http://www.blurb.com minn fejn ġew magħmula minni fejn nixtieq nirringrazzja liċ-Ċentru Missjoni Kapuċċini Franġiskani Maltin għall-permess li tawni ħalli jintużaw l-artikli biex dawn il-kotba setgħu jkunu possibbli għall-memorja ta' Patri Donat Spiteri OFMCap.

Grazzi Ħafna, Tislijiet
Anna Spiteri

**Nirringrazzja lil Joe Borg, Patrick Sammut, Sergio Grech, l-Akkademja tal-Malti u ħafna oħrajn għat-tagħrif fuq il-letteratura Maltija f'Malta li nirċievu mingħandhom. Grazzi wkoll lil Rose Lofaro għall-għajnuna li nirċievi. Grazzi u napprezza ħafna.**